**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 24 ta` Ottubru 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**WILLIAM MALLIA**

Kump Nru. 325/2011

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **William Mallia**, detentur tal-karta tal-identita numru **133887(M)**, gie akkuzat talli nhar l-20 ta' Frar 2011, ghall-habta tal-09:50am, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Citroex AX, bin-numru tar-registrazzjoni JAH 634, fi triq Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar;

1. Bil-hsieb li taghmel delitt, u cioe li tikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Rizzo, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghek;

2. U aktar talli volontarjament kkagunajt griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. J. P. Vella M.D;

3. Soqt vettura tal-ghamla Citroen AX bin-numru tar-registrazzjoni JAH 634, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;

4. U aktar talli volontarjament hassart, ghamilt hsara u gharraqt hwejjeg ta' haddiehor u cioe l-vettura tal-ghamla Citroen AX tan-numru ta' registrazzjoni SAM 631 u dana ghad-dannu ta' Grezzju Mallia, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' elf mija u erba u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma l-istess hsara tiskorri l-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Il-prosekuzzjoni titlob li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus hekk iffissta.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu 2013 (ara *folio* 175) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tissokkta u tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 191);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet sottomissjonijiet li saru fl-udjenza tal-5 ta` Lulju 2017;

Qieset in-nota tal-parte civile Joseph Rizzo ipprezentata fl-14 ta` Lulju 2017;

Tippuntwalizza li ma hux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process, u dana peress illi, kif inhu f'dan il-kaz, dak kollu li rrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

**Ikkunsidrat**;

Irrizulta sodisfacentement illi nhar l-20 ta` Frar 2011 ghall-habta ta` 09.50am, l-imputat kien qed isuq vettura tal-ghamla Citroex AX bin-numru ta` registrazzjoni JAH 634, propjeta` ta` missieru Grezzju Mallia, gewwa triq Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta` Settembru, Naxxar. L-imputat laqat lil Joseph Rizzo, li dak il-hin kien fuq il-bankina u Joseph Rizzo spicca ma l-art ferut. Dwar dan il-kwadru ta` fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-protagonisti.

Dak li hu ovvjament ikkontestat hu propju x'kien li wassal ghal dan l-avveniment. Dwar dan il-fatt, din il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet konfliggenti.

Minn naha tieghu Joseph Rizzo jixhed, fi ftit kliem, illi huwa kien gie mtajjar apposta mill-imputat; in effetti jispjega illi meta huwa ttajjar u spicca ferut fl-art, l-imputat mar fuqu u qallu li huwa kien ghamilu hekk sabiex ipattijielu tal-girfa li l-imputat kien sofra fuq vettura tieghu (presumibbilment ghax din il-girfa allegatament saret minn Joseph Rizzo).

Minn naha l-ohra l-verzjoni ta` l-imputat kienet fis-sens li huwa mar iwassal lit-tfajla tieghu (Marion Camilleri) gewwa n-Naxxar, u kif kien ser jitlaq, marritlu l-vettura, baqa tiela fuq il-bankina u accidentalment laqat lil Joseph Rizzo. L-imputat dejjem cahad kategorikament li dak li sehh kien att volontarju minn naha tieghu. Id-depozizzjoni ta` l-imputat hija wahda dettaljata u huwa dejjem insista li kienet il-vettura tieghu li holqot dan l-incident; kien effettivament l-isteering li gibdu.

F'dan l-istadju jkun opportun li ssir parentezi zghira dwar fatturi li hargu f'dan il-process. Dawn il-fatturi jghinu fl-apprezzament tal-provi. Joseph Rizzo kien joqghod bieb ma bieb mal-gharusa ta` l-imputat. Bejn l-imputat u Joseph Rizzo ma jidhirx li qatt kien hemm dizgwid. L-uniku dizgwid, jekk tista ssejjahlu hekk, kien fil-passat, bejn il-familja ta` Joseph Rizzo u dik tal-gharusa ta` l-imputat, u dan minhabba xi qattusa li kienet taqbez fuq il-bejt. Madakollu, ir-relazzjonijiet bejn il-girien imsemmija tista tghid li kienu tajba. Irrizulta pero` li l-imputat kellu vettura tal-marka Honda Accord bin-numru ta` registrazzjoni FBX 515. Instab li fuq il-bonnett ta` din il-vettura kien hemm girfa imdaqqsa (ara ritratt *a folio* 67).

**Ikkunsidrat**;

**Joseph Rizzo**, *a folio* 35 jixhed illi dakinhar ta`l-20 ta` Frar 2011 filghodu – *hrigt mid-dar daqs 10 metri boghod mill-bieb ta` barra tieghi kien hemm karozza, kien hemm zewg persuni go fiha guvni u tfajla, jien sa dak il-hin ma tajtx kaz. Qsamt it-triq ma faccata fuq il-bankina fid-direzzjoni tan-Naxxar. Kif imxejt madwar 50 metru qlajt daqqa ta` karozza minn wara fuq il-bankina. Jien gholejt u stabat gol-windscreen, tirt ergajt u gejt wicci 'l isfel ma l-art quddiem din il-karozza. Kif ghollejt daqsxejn rasi minn ma l-art innutajt li kienet l-istess karozza li kien hemm qrib id-dar tieghi. Minnha hareg ix-xufier, ipponta subajh lejja u qalli 'pattejtielek ghaliex il-bierah braxtli l-karozza', qbizt jiena u ghedtlu 'lanqas biss nafek minn Adam lilek, ahseb u ara kemm braxtlek il-karozza' ghedtlu 'mela ghalhekk bdejt tistennieni hdejn id-dar'. ...* – dan hu l-qofol tal-verzjoni ta` Joseph Rizzo.

Dwar il-feriti, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-medici, ghac-certifikat mediku esebit *a folio* 49 u ghall-*case summary* (ara folio 40) li jirreferi ghal dak misjub fuq Joseph Rizzo bhala *multiple mild trauma due to MVA* (*motor vehicle accident*). Il-feriti sofferti minn Joseph Rizzo gew deskritti bhala *slight save complications*.

Joseph Zammit, espert tekniku inkarigat sabiex jezamina l-vettura Citroen AX bin-numru ta` registrazzjoni JAH 634, li kienet qed tinstaq mill-imputat fil-mument tal-incident, jikkonkludi, fost affarijiet ohra, illi l-vettura ma kellha ebda hsara fuq is-sistema taghha u li l-breaks u l-isteering kienu jiffunzjonaw tajjeb (ara folio 45 *et seq* u folio 75 *et seq*); id-daqqa li sehhet bejn il-persuna u l-vettura msemmija kienet deskritta bhala *daqqa soda*. L-espert kien inkarigat ukoll sabiex jirrelata dwar il-vettura Honda Accord. Dwar il-girfa *de quo* li l-espert ikkonstata fuq il-bonnett tal-vettura Honda Accord FBX 515, huwa jikkonkludi li din saret b'mod volontarju (ara *folio* 85).

**Ikkunsidrat**;

Illi mhux kull konflitt ta` provi necessarjament igib il-liberazzjoni ta` l-imputat li jkun. Fl-analizi tal-provi, l-Qorti li tkun trid tuza l-buon sens. Ukoll, il-Qorti tista temmen

xhud f'kollox li jghid, tista ma temmnu f'xejn, u tista temmnu f'bicca. Apparti wkoll li l-Qorti trid tara sew il-provi korroborattivi li jkollha quddiemha. Il-verzjoni ta` Joseph Rizzo hija dik li ghandha mis-sewwa; ir-rizultanzi processwali jaghtu konfort lil tali verzjoni. Minn naha l-ohra, il-verzjoni ta` l-imputat xejn ma tikkonvinci, almenu sal-grad tal-probabbli.

Illi wara li qieset dettaljatament ir-rizultanzi processwali kollha, din il-Qorti hi tal-fehema li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha skond il-ligi.

Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni ta` tentattiv ta` ferita gravi, din il-Qorti thaddan id-**dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali taghna, u cioe` li jista jkollok tentattiv ta` offiza gravi jew tentattiv ta` offiza gravissima, purche jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni <u>specifika</u> li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz** (<u>ara Qorti ta` l-Appell Kriminali, Ir-Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa, Numru 5/1988, sentenza 16.10.2003</u>).

Fil-kaz odjern, il-fatt li l-imputat, b'kalkolu, saq vettura volontarjament fuq persuna u ta lil dik il-persuna daqqa konsiderevoli bl-istess vettura, jikkostitwixxi sensiela ta` fatti li lkoll flimkien huma ndikattivi ta` intenzjoni li tigi kkagunata ferita jew feriti ta` natura gravi jew ta` natura gravissima.

**Ikkunsidrat**;

Dwar il-piena, giet meqjusa l-fedina penali nettissima ta` l-imputat (ara *folio* 8) u n-natura tax-xoghol partikolari tieghu. Gie meqjus ukoll il-fatt li civilment, il-pendenzi bejn il-protagonisti gew rizolti.

Jigi dikjarat illi dakinhar tal-20 ta` Frar 2011, gewwa n-Naxxar, l-imputat zbalja u zbalja bil-kbir. Il-konsegwenzi ta` ghemilu setghu kienu hafna aktar gravi. U ghalhekk minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` tentattiv ta` ferita gravi kif migjub kontra l-hati huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` reati kif migjuba kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

<u>**DECIDE**</u>

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 41(1)(a), 214, 215, 216, 218, 221, 325(1)(b), 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a), (2), (3) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lil **William Mallia** hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` tmintax-il (18) xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; kif ukoll ghal multa ta` elfejn euro (€2000).

Tiskwalifika lil William Mallia milli jkollu licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta` disa (9) xhur.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lil William Mallia, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €168.74 u s-somma ta` €208.86 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert Joseph Zammit. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Finalment, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta`Joseph Rizzo, l-Qorti qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` elfejn Euro (€2000) ghal zmien tnax-il xahar mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur